# Kunsill Lokali Ħal Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290 Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt Web Page : www.lc.gov.mt


Minuti tas-Seduta numru erbgħa u tletin (34) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2009, fis-6:00pm fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Deputat Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Il-**laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku** li qal it-talba fil-bidu tagħha.

2. Is-Sindku ppropona li nissospendu l-laqgħa u nitkellmu mas-**Sur Pawlu Callus** li huwa espert fil-qasam ta' l-istorja dwar żewġ materji li l-KLĦS ilu mhux ħażin jitkellem dwarhom: il-bżonn li ssir ***Heritage Trail***, kif ukoll li jitwaħħlu **tabelli informattivi** ma' siti storiċi fir-raħal ta' Ħal Safi.

3. Pawlu Callus, li huwa wkoll awtur tal-pubblikazzjoni Ħal Safi, qal li minkejja r-raħal huwa wieħed żgħir, jinsabu ħafna fdalijiet li jeħduna fiż-żminijiet bikrija fosthom l-Għerien tal-Liebru, li sfortunatament għandna *lakuna* dwarhom minħabba l-fatt li nafu li jinsabu fil-konfini tagħna (il-kelma tal-Liebru tidher fuq kull pjanta tar-raħal) u ma nafux eżattament fejn qiegħdin. Hu sostna li hemm **bżonn li jinstabu aktar dettalji** filwaqt li dan ikun kollu dokumentat. Aktarx dawn jinsabu fl-inħawi ta' Ġawhar fejn iduru l-ajruplani fit-tarf tar-*runway* jew f'xi għalqa viċin. Dawn kienu oqbra mibnija b'żewġ saffi fuq xulxin li jeħduna għall-perjodu tardiv, aktarx l-eqdem f'Ħal Safi. Dawn l-oqbra kienu misjuba minn (kien hemm dokumentazzjoni dwarhom) A.A. Caruana, liema dokumentazzjoni tiegħu iġġib l-isem *el-Għerien tal-Liebru at Hal Safi, Malta (1884).* Peress li dawn l-oqbra huma l-aktar antiki, f'Ħal Safi, jekk terġa tinstab din is-sejba tkun ta' benefiċċju kbir għall-istess *Heritage Trail* proposta, skond is-Sur Pawlu Callus. Il-kunsillieri tkellmu mas-Sur Callus dwar it-tabelli ma siti storiċi. Huwa ssuġġerixxa li dawn isiru b'materjal li jiflaħ għall-elementi bħall-bronze u *cast iron* biex isiru darba għal dejjem. Hawn Publius Abdilla qal li hu kien qed jipproponi perspex b'saħħtu u ta eżempju fuq tabelli simili li saru f'Ħal Qormi li kellu l-oppurtunita' li jara. Intant se ngħaddu l-kliem propost għal dawn it-tabelli lill-istess Pawlu Callus ħalli jibda' x-xogħol fuqhom għaliex il-forrnituri biex ikunu jistgħu jagħtuna stima fidila, jkollhom bżonn mhux biss id-dettalji dwar il-ħxuna u l-kobor tat-tabella, iżda wkoll l-ammont ta' kliem li qed ikun proġettat li jintaqax fuq it-tabella. Din il-laqgħa tas-Sur Pawlu Callus mal-KLĦS ġiet fi tmiemha fis-18:45pm.

4. Qabel ma kompliet il-laqgħa tal-Kunsill, persuna preżenti li ġġib l-isem ta' Victor, li joqgħod fi 30, Triq l-Ibraġ, Ħal Safi, dehrlu li kellu jagħmel punt. Il-KLĦS ikkonċedilu ħames minuti biex dan ippropona ***sleeping policeman*** fl-istess inħawi minħabba sewqan esaġerat li qed isir minn xi talin, b'periklu għal ħaddieħor speċjalment għar-residenti. F'dan il-waqt Pietru Pawl Busuttil ressaq proposta magħmula minn Louis Grech li jaħdem mal-Koptasin fi ħdan id-dipartiment tal-Manifattura u Servizzi. Pietru Pawl Busuttil qal illi wara li konna mitluba mid-Direttorat tal-Immaniġjar tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex inressqu l-proposti tagħna ta' l-arranġamenti biż-żebgħa (*road marking*) fit-triq kif se jkun regolat it-traffiku, hu stieden lill-istess Louis Grech biex jagħtina parir. Madankollu l-istess Koptasin ippruponew skeda ta' one ways minflok sempliċiment **immaniġjar biż-żebgħa ma l-art**. Intant il-Kunsill iddeċieda illi jkun jimmerita seduta apposta aktar 'il quddiem fuq dawn il-proposti ta' skema tat-traffiku għaż-żona ta' Triq l-Ibraġ.

**Punti mill-minuti:**

5. Wara li tneħħew it-tankijiet fi Pjazza San Mattew, issa nħass il-bżonn li jitneħħew ukoll it-**tabelli "For Sale**" u karikatura/tabella b'iljun fuqha fl-istess fi pjazza.

6. Issemmew żewġ punti għal **Triq il-Karwija**, fosthom il-ħaxix li ntefa' jew barra t-triq u tar mar-riħ u ħammeġ kullimkien, kif ukoll it-tqaċċit tal-friegħi tas-siġar li kibru għal fuq it-triq minn postijiet privati u li kienu qed jostakolaw il-bankina u tħallew hemm. Dwar dan il-punt is-Sindku semma' diversi postijiet oħra li hawn fir-raħal li qed ikunu ostakolati minn siġar bħal dawk tat-tin li kibru fuq art privata u daħlu fi spazji pubbliċi.

7. Dwar l-istima biex issir manutenzjoni u **restawr fuq in-niċċa ta' San Ġużepp**, (apparti li ktibna lil sid id-dar u wrejnieh il-proposta tagħna) Agius Stone Works tawna stima ta' €1,164 ewro eskluża l-VAT. Wara li dan intalab reviżjoni mis-Sindku, dan ta skont ta' 5% li xorta deheret għolja fl-opinjoni tal-Kunsill u se nippruvaw insibu restawratur ieħor.

8. Dwar l-isqaq li ssemma' fil-minuti tas-seduti preċedenti, kien deċiż li għal issa ssir manutenzjoni tiegħu minflok l-imsemmi kisi peress li l-Kunsill għandu limitazzjonijiet finanzjarji kbar biex jonora l-kuntratti u speċjalment il-proġett tal-Misraħ San Gużepp. Din il-**manutenzjoni fi Sqaq fil-Karwija**, se ssir mill-ħaddiema tad-Distretti (Diviżjoni tax-Xogħlijiet) wara li jinfetħu l-*weep holes* u ssir dorga apposta għall-ilma tax-xita mis-sidien ta' l-għelieqi.

**9.** Is-Sindku informa 'l-Kunsill illi sfortunatament lanqas is-Surġent ta' l-Għassa taż-Żurrieq ma kellu informazzjoni dwar il-**kolluzjoni li seħħet fil-Pjazza mas-siġra taż-żebbug.**

10. Il-proposta li jitneħħa jew jersaq il-***bus stop* fi Triq iż-Żurrieq,** tas-sinjuri Faenza reġgħet kienet diskussa fid-dawl illi d-direttorat tat-Trasport Pubbliku fi ħdan l-Awtorita' Maltija dwar it-Trasport, qed jaħdem fuq rotot ġodda għat-trasport

pubbliku. Liema rotot se jġibu taqliba kbira bir-riforma proposta. Għaldaqstant, il-KLĦS ħass li ma jkunx għaqli illi tittieħed deċiżjoni minnu primatura, ta' l-inqas, sakemm titħabbar din ir-riforma. Sadanittant is-DSE fakkar fis-CD li tawna f'seminar li kien sar apposta għall-Kunsilli Lokali fejn hemm diġa' l-prinċipji bażiċi kif se jaħdem dan it-trasport. Is-Sinjuri Faenza se jkunu infurmati b'dan.

11. Minkejja li s'issa għadna ma nafux id-dettalji kollha dwar il-***Community Work Scheme,*** imħabbra mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ, fil-jiem li ġejjin se nindagaw kemm ta' l-inqas se nkunu allokati nies magħna u għal-liema xogħol se jkunu assenjati.

12. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi li bqajna mingħajr risposta konkreta dwar l-istekkat (***Hoarding wall***) fi Triq Ta' Rqajja k/m Trejqet Tarsu d-DSE se jieħu r-ritratti u jibgħathom lill-awtoritajiet konċernati għaliex dan issa ilu ħafna hemm u jidher li x-xogħol waqaf. Il-kunsillieri ġibdu l-attenzjoni illi ma jistax ikun li xi persuna tibqa tokkupa parti mit-triq qisu ma huwa qed jiġri xejn.

13. Dwar il-kont pendenti mal-Perit Robert Musumeci, għall-proposta tal-KLĦS sabiex nispustjaw it-***telefon booth*** li tinsab maġenb il-Għassa tal-Pulizija, li jammonta għal €500, kien deċiż illi l-Kunsill joħroġ €250 mill-ewwel u jħalli daqshekk ieħor pendenti. Intant il-KLĦS irċieva ittra mill-GO plc fejn fiha intqal li se jkun verament diffiċli biex din it-*telephone box* tinqala' minn postha. Għaldaqstant, Publius Abdilla ippropona illi jitwaħħal telefon pubbliku xi mkien ieħor aktar aċċessibbli fejn ma jdejjaq il-ħadd, b'kabina tal-perspex qisha tinda fuqu u l-kabina l-antika ta' żmien l-era ngliża, tinżamm bħala ornament fil-post li tinsab fih. Eddie Bonello qal li tajjeb illi din ikun fiha sett antik tat-telefon filwaqt li Pietru Pawl Busuttil qal li din għandha tkun imsakkra u jkollha avviż li mhux qed tintuża u li hemm oħra taħdem ftit passi bogħod.

14. Reġa' kien diskuss fit-tul matul din is-seduta il-**każ ta' l-eks Segretarju Eżekuttiv,** Jason Cutajar. Is-Sindku nforma 'l kunsillieri illi r-rappreżentanti tal-kumpanija Busuttil & Micallef ħadu r-*receipt books* tas-snin 2003 mill-uffiċċju tagħna biex jaħdmu fuqhom, f'dak tagħhom, u wara jġibuhom lura kif jagħlqu s-sena 2003. Intant Pietru Pawl Busuttil qal illi l-ġimgħa l-oħra kellu kuntatt telefoniku mill-istess Jason Cutajar kif ukoll mill-Kap (is-Sur Patrick Tabone) tal-Kulleġġ San Martin, il-post ta' l-impjieg full time ta' Cutajar, kumbinazzjoni fl-istess ħin. Għal KLĦS din hija preokkupanti għaliex f'każ ta' l-eventwali tkeċċija għal Cutajar minn fuq ix-xogħol tiegħu *full time*, dan ifisser li l-KLĦS se jkollu ċans aktar remot li jiġbor flusu li kienu misapproprijati. Għaldaqstant, il-Kunsill m'għandux triq oħra għajr jipproponi li jsir mandat ta' sekwestru, fid-dawl taċ-ċirkustanzi preżenti. Aktar tard wara s-seduta, s-Sindku reġa' tkellem ma' Dr Charmaine Cherret fejn din infurmatna illi biex isir dan trid tinfetaħ kawża mill-KLĦS. Intant, kien deċiż li jitħaffef il-proċess tal-investigazzjoni ħalli naraw eżattament x'inhuma l-pendenzi kollha li għandu dan Cutajar magħna.

15. Wara l-proposta li saret fil-laqgħa preċedenti dwar ix-xiri ta' **ġeneratur**, se naraw x'hinuma l-ispeċifikazzjonijiet addattati biex dan iħaddem makkinarju użat mill-ħaddiema tal-Kunsill fil-kostruzzjoni ta' toroq u bankini ħalli jinxtara dak li hu addattat. Għal proposta tal-kunsillier Francis Callus li jinxtara wieħed li jkun jista' jixhel partijiet sostanzjali mudlama waqt xi attivita' li tinżamm barra, mill-KLĦS, id-DSE qal li rridu noqgħodu attenti għaliex jista' jkun li ma jibqax vijabbli peress li l-ispiża kapitali togħla sew u dan ikun aktar goff biex jinġarr. Għaldaqstant, għandna nieħdu parir tekniku.

16. Ittra mill-Avukat tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet kienet mibgħuta lilna bil-posta reġistrata fejn dawn **qed jitolbu l-ħlas ta' €9,680** li qed jallegaw li għandna pendenti magħhom. Dwar dan tkellem is-Sindku fejn qal illi fil-passat kien hemm ftehim ma' l-eks Ministru Francis Zammit Dimech, illi x-xogħol ta' Ġnien ta' Ball kien se jkun mill-Gvern Ċentrali. Infatti s-Sindku tkellem mad-Direttur Ray Farrugia u dan qallu li se jgħid lill-avukata tirtira l-ittra. Hawn issemma' wkoll l-eks Ministru Ninu Zammit li s-Sindku qal li kien jaf ukoll b'dan kollu.

17. Wara talba formali li kellna mill-Universita' ta' Malta biex nagħmlu **referenza lil Ms Delia Inguanez,** biex tkompli l-istudji tagħha, minkejja li din l-ittra kienet indirizzata lil eks SE, Jason Cutajar, il-KLĦS ħass li xorta għandu jagħmilielha. Tant li ssuġġerew li jsir dan il-kunsillieri kollha.

18. Se nibgħatu l-ittra lil dawk il-ġenituri li huma nteressati li jitwaqqaf ***club tal-football*** f'Ħal Safi. L-involviment tagħhom f'dan il-Kumitat huwa determinanti jekk dan fil-verita' jkunx imwaqqaf jew le għall-benefiċċju tat-tfal li jkunu jixtiequ jieħdu l-football bis-serjeta'.

19. Wara s-seminar li nżamm ftit tal-ġimgħat ilu fuq l-Att ta' Kurazija mis-Sovratendenza Patrimonju Malti, il-Kunsill iddeċieda li javviċina lis-Sur A Pace biex ix-**Xelter ta' żmien il-Gwerra Dinjija** li jinsab fuq iz-zuntier, ikun maniġġjat minnu. Dan fid-dawl li sar l-ewwel ftehim ta' din ix-xorta mall-Kunsill Lokali Ħal Tarxien.

20. Il-KLĦS ġie nfurmat illi nfetħu **l-applikazzjonijiet għall-kabbani tal-festa ta' San Pawl** li tinżamm f'Awissu. Hawn issemmew diffikultajiet mar-residenti kaġunati minn sidien ta' dawn l-istess kabbani telgħin u niżlin mas-sellum jixgħelu s-salva vita wara li din tittrippja viċin it-twieqi tagħhom. Minħabba l-privatezza u s-sigurta' l-KLĦS jħoss li m'għandu jitħalla l-ebda sellum wieqaf mal-galleriji u t-twieqi kif qed ikun allegat li kien hemm is-sena li għaddiet. Dan l-ilment sfortunatament daħal illum f'nofs in-nhar filwaqt li l-KLĦS hu konxju li biex iċċaqlaq il-kabbani trid tantiċipa minn xahrejn qabel. Dan għaliex kien hemm proposta li dawn jispustjaw ruħhom fil-kantuniera ma Triq il-Menqa. Intant se jkunu mwaqqfa dawk il-kabbani li joperaw b'ġeneratur speċjalment tat-*toys* għaliex dawn iħallu ħafna dħaħen u joħolqu nkonvenjent bl-istorbju. Il-KLĦS hu determinat illi dawk li jiksru r-regolamenti jkunu *black listed* għas-sena d-dieħla u ma jitħallewx jarmaw aktar fir-raħal.

21. Jimmy Busuttil qal illi **fi Triq San Ġwann**, xi resident wkoll talbu ***sleeping policeman*** biex il-vetturi jkollhom jnaqqsu l-veloċita'. Dan minħabba li tant kotor it-traffiku bl-inawgurar tas-Supermarket viċin, illi spiss qed jiġu rrappurtati abbużi minn sewqan esaġerat. Hawn xi kunsillieri qalu li anke waqt li jkunu għaddejjin minn fuqhom, il-karozzi żgħar ma jħossuhomx wisq u qed jibqgħu għaddejjin qisu ma ġara xejn. Infatti kien deċiż illi f'din iż-żona, kantuniera ma' Triq San Pawl, il-ħaddiema tal-Kunsill jiffriskaw aktar ir-*road markings* ta' twissija li hemm eżistentement.

22. Jimmy Busuttil ippropona wkoll illi l-**pagi ta' l-impjegati** jerġgħu jidħlu fuq il-Payment Approval Sheet, kif kien isir fil-passat. Hu qal li b'hekk wieħed ikun aktar jista' jikkontrolla l-ispejjeż ta' l-uffiċċju.

23. Is-Sindku qal li avviċinah Paul Polidano u qallu li hemm bżonn li jieħu r-***retention money*** li għandu maqbuda fil-KLĦS għax-xogħol li wettaq fir-raħal f'manutenzjoni estensiva aktar kmieni din is-sena. Minkejja li għad fadal xi xogħol ieħor xi jsir u ta' dan se tintalab stima qabel ma jibdieh, il-KLĦS iddeċieda illi jagħtih dak kollu dovut.

24. Dorianne Zammit infurmat lill-KLĦS illi l-organizzatur ta' **Skola Sajf,** Ms Dorianne Zammit Briffa, qed tipproġetta illi se jkun hemm dħul minn skola sajf ta' €6,080 kontra l-€3,902 fi spejjeż li se jkollu l-Kunsill. Intant hija talbet illi jkunu approvati li jinxtraw *puzzles u blocks* ġodda għal dawn it-tfal li l-Kunsill approva filwaqt li għad iridu jinġiebu l-istimi tagħhom. Jidher li kien hemm xi *teething troubles* fl-ewwel jiem ta' dawn iċ-ċkejknin billi l-fattigi ta' l-iskola ma riedux inaddfu qabel ma kien dikjarat bil-miktub mid-DSE illi kienu se jkunu mħallsa €5 kull jum fuq dak li joħroġ id-dipartiment tal-Edukazzjoni (fil-ħin tax-xogħol normali tagħhom) billi saħansitra kellna nixtru t-*toilet paper* u s-sapun aħna stess għal-kmamar tal-banju.

25. Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm u l-Kunsill Lokali Ħal Safi se jiltaqa' nhar is-6 ta' Awissu, 2009 fis-6:00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum __/8/09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku